3. Jordna għar-ragunijet fuq premessi lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond 109, Triq Sant'Aristarku, San Pawl il-Baħar, u jipprefiġġi żmien qasir u perentorju li fih l-intimat għandu jiżgombra mill-istess fond, u jawtorizza għaldaqstant lir-rikorrent sabiex jirriprendi l-pussess ta' dawn iż-żewġ fondi;

4. Jiddikjara illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' €8,500 rappreżentanti arretrati ta' kera fis-somma ta' €800 fix-xahar għall-perjodu mix-xahar ta' April, 2025, sal-ġurnata tal-lum u kif ukoll il-kera dovuta sakemm jiżgombra mill-imsemmi fond;

5. Jiddikjara illi l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €441 rappreżentanti l-konsum ta' servizzi kif fuq spjegat, u dana sa Novembru tas-sena, 2025, u kif ukoll jiddikjara li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrent l-arretrati kollha rappreżentanti l-konsum ta' servizzi tad-dawl u ilma sad-data li fiha jiżgombra mill-imsemmi fond u kif ukoll b'riserva għall-ammonti ulterjuri;

6. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat għandu jħallas id-danni prelikwidati fis-somamt ta' €200 għal kull jum li fih l-intimat naqas u/jew jonqos milli jivvaka l-fond u jikkonsenja ċ-ċwievet lir-rikorrent u dana sal-effettiv żgumbrament u jillikwida l-istess ammonti;

7. Jikkundanna lill-intimat sabiex jħallas dawn is-somom u s-somom oħra likwidati minn dan il-Bord lill-istess rikorrent.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 8, Eestiny, Triq il-Bajja tas-Salini, In-Naxxar NXR 6025

Notifika intimat: 109, Triq Sant'Aristarku, San Pawl il-Baħar

By means of an application in the names Noel Brian Pace (0028780M) vs Valerio Boesso (KI 0222539A), filed in the Rent Regulation Board, on the 23rd February, 2026, the applicant Noel Brian Pace (KI 0028780M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Proceed to decide this cause without proceeding to a hearing as provided in Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declare and decide that the respondent violated that agreed in the agreement dated 7th April, 2024, and failed in his obligations resulting from the same agreement, and his obligations resulting from the law since he is late in the payment of rent for two instalments;

3. Order for the reasons above premised the respondent to vacate the premises 109, Triq Sant'Aristarku, St Paul's Bay, and impose a short and peremptory period within which the respondent is to vacate the same premises, and thus authorise the applicant to take back possession of these two premises;

4. Declare that the respondent is to pay the applicant the sum of €8,500 representing arrears of rent in the sum of €800 per month for the period from the month of April, 2025, till today as well as the rent due till he vacates the said premises;

5. Declare that the respondent is to pay the applicant the sum of €441 representing the consumption of services as above explained, and this till November of the year, 2025, as well as declare that the respondent is to pay the applicant all arrears representing the consumption of water and electricity services till the date when he vacates the said premises as well as saving further amounts;

6. Declare and decide that the respondent is to pay the damages pre-liquidated in the amount of €200 for every day that the respondent failed and/or fails to vacate the premises and deliver the receipt to the applicant and this till the effective eviction and liquidates the same amounts;

7. Condemn the respondent to pay these and other sums liquidated by this Board to the same applicant.

With costs and interests against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Applicant: 8, Eestiny, Triq il-Bajja tas-Salini, Naxxar NXR 6025

Notification respondent: 109, Triq Sant'Aristarku, St Paul's Bay

Ir-rikors fl-ismijiet Noel Brian Pace vs Valerio Boesso, Rikors numru 62/2026CZ, jinsab differit għat-28 ta' April, 2026, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Noel Brian Pace vs Valerio Boesso, Application number 62/2026CZ, has been postponed for hearing to the 28th April, 2026, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1050

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-16 ta' April, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt ai fini tal-artiklu 931 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

B'digriet mogħti fis-16 ta' April, 2026, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-assenti Akhila Aan John fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 30/2026 NB fl-ismijiet 'Anson Thomas John vs Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Akhila Aan John', ippreżentata fil-Qorti fuq imsemmija fl-10 ta' April, 2026, f'liema ittra l-esponenti talab lill-Qorti jogħġobha taħtar kuratur deputat sabiex jidher għall-assenti Akhila Aan John, liema nomina għandha tapplika f'atti tal-ittra ta' medjazzjoni msemmija u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Noel Bartolo LLD, BA, MA (Fin. Serv.) LLD, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Banns for the Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 16th of April, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Family Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 of the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 12 of the laws of Malta.

By a decree issued on the 16th of April, 2026, it was ordered that a deputy curator be appointed in accordance with the law to represent the the absent Akhila Aan John, in the acts of mediation letter number 30/2026 NB in the names 'Anson Thomas John vs Deputy Curator to represent Akhila Aan John', filed in the aforementioned Court on the 10th of April, 2026, in which letter the applicant asked the Court to appoint a deputy curator to appear for the absent Akhila Aan John, which appointment shall apply with regard to the acts of the said mediation letter and to all other relative and subsequent acts.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and hereby summon everyone who would like to present himself as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so wishes.

You are also ordered to inform one and all that if they do not file this declaration within the above-stipulated timeframe, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the abovesaid Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, Family Section, with the testimony of the Magistrate Dr Noel Bartolo, BA, MA (Fin. Serv.) LLD

Illum 16 ta' April 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

This 16th of April 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Family Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1051

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Frar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4249/2025, fl-ismijiet Grenke Renting Ltd vs Susan Rebecca Sylvia Fnena, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Susan Rebecca Sylvia Fnena a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 19 ta' Diċembru, 2025

Lil Susan Rebecca Sylvia Fnena (KI 381299M), 44, Susan, Triq V. Menville, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti, Grenke Renting Limited (C57282), ta' Level 2, Tagliaferro Business Centre, Gaiety Lane kantuniera ma' High Street, Tas-Sliema, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn (2) mid-data tan-notifika ta' dan l-att tħallas lill-mittenti s-somma kumplessiva ta' sebat elef, mitejn u tmintax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€7,218.50), rappreżentanti l-bilanċ li għadu dovut mill-valur ta' kambjala waħda (1) datata it-tletin (30) ta' April, 2025 (kopja tal-kambjala hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. GR1').

Permezz tal-preżenti, l-mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dan ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi inti qiegħda tiġi nformata illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt li topponi għall-esekuzzjoni ta' din il-kambjala billi tippreżenta ir-rikors opportun skont il-liġi fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' dan l-Att.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' din l-intimazzjoni l-mittenti ser tgħaddi għall-esekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini ta' Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt sad-data tal-pagament effettiv.

By means of a decree of the 19th February, 2026, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 4249/2025 in the names Grenke Renting Limited vs Susan Rebecca Sylvia Fnena the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Susan Rebecca Sylvia Fnena in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 19th December, 2025

To Susan Rebecca Sylvia Fnena (ID 381299M), 44, Susan, Triq V. Menville, Swieqi

By the present, Grenke Renting Limited (C57282), ta' Level 2, Tagliaferro Business Centre, Gaiety Lane c/w High Street, Tas-Sliema, calls upon you so that within two (2) days from the date of service of this act you pay the interpellant the total amount of seven thousand, two hundred and eighteen euro and fifty cents (€7,218.50), representing the balance still due from the value of one (1) bill of exchange dated thirty (30) of Apri,l 2025 (copy of bill of exchange hereby attached and marked as 'Doc. GR1').

By means of this present, the interpellant is rendering executable its executive title hereby indicated and this in terms of Article 253 (e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253 (e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right to oppose the execution of this bill of exchange by filing the opportune application according to Law within twenty (20) days from the date of service of this Act.

If you fail to abide with this calling the interpellant shall pass for the execution of its executive title and this in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is required in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and interest from the date of termination of the contract till the date of effective payment.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1052

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Marzu, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3951/2025, fl-ismijiet GasanZammit Motors Limited vs Alfred Schembri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alfred Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Alfred Schembri (KI 0459490M) ta' 1, St Rita, Fl. 2, Triq il-Kus, Birżebbuġa, fit-12 ta' Novembru 2025, GasanZammit Motors Limited (C57642) ta' Gasan Group Office, Gasan Centre Level 4, Triq il-Mergħat, Zone 1, Central Business District, Birkirkara CBD1020:

1. Tagħmel referenza għall-ammont ta' €9,061 rappreżentanti dejn dovut fuq numru ta' kambjali minnek debitament aċċettati u indikati fid-dokument anness u mmarkat GZM 1 u liema ammont huwa skadut u mhux imħallas u dan olte l-imgħax, liema jibqa' jiddekorri favur is-soċjetà mittenti sad-data tal-ħlas effettiv (kopja tal-kambjali hawn annessa u mmarkata bħala dokument GZM 2); u

2. Tinterpellak sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika lilek tal-preżenti, tħallas is-somma ta' €9,061 rappreżentanti pendenzi fuq il-kambjala indikata oltre l-imgħax.

Fin-nuqqas, is-soċjetà mittenti se tipproċedi kontrik ulterjorment, mingħajr ebda preavviż ieħor u bil-mezzi kollha permessi mil-liġi inkluż il-ħruġ ta' mandati opportuni.

Din l-intima qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u sabiex l-imsemmija kambjali jiġu reżi eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tal-preżenti, int qiegħed tiġi avżat a tenur tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt tiegħek li fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tal-preżenti, tramite rikors, topponi l-esekuzzjoni tal-kambjali hawn fuq imsemmija a bażi tal-fatt li l-firem fuq l-istess ma jappartjenux lilek jew lill-mandatarju tiegħek jew għal raġunijiet oħra gravi u validi sabiex topponi tali esekuzzjoni skont il-liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

By means of a decree on the 18th March, 2026, in the records of the judicial letter number 3951/2025, in the names GasanZammit Motors Limited vs Alfred Schembri, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Alfred Schembri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Alfred Schembri (ID 0459490M) of 1 St Rita, Fl. 2, Triq il-Kus, Birżebbuġa, on the 12th November 2025, GasanZammit Motors Limited (C57642) of Gasan Group Office, Gasan Centre Level 4, Triq il-Mergħat, Zone 1, Central Business District, Birkirkara CBD1020:

1. Makes reference to the total amount of €9,061 representing the amount due on a number of bills of exchange duly accepted by you and listed in the attached list and marked as GZM 1, and which amount is due and has not been paid together with interest,that continues to be accrued in favour of the interpellant company until the date of effective payment, (copies of these bills of exchange are herewith attached and marked as document GZM 2) and;

2. Solicits you so that within ten (10) days from the day you are notified with this present, you pay the sum of €9,061 representing the balance on the said bill of exchange besides the interest.

In default the interpellant company will furtherly proceed against you, without further notice, and with all the means given by law including the issue of the opportune warrants.

This letter is being made for all the purposes and effects of law and to render the same bills of exchange an executive title in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of this present, you are informed, that in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta, you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of this bill of exchange above mentioned on the fact that the signatures on the same do not belong to your or those of your mandatory or for other grave and valid reasons to oppose such execution according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, including this present, and with interest according to law till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1053

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Marzu 2026 mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 51/2026, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Lumisfar Film Malta Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Lumisfar Film Malta Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 8 ta' Jannar, 2026

Lil Lumisfar Film Malta Ltd (C96306) ta' A3 Towers, Block A3, Level 3, Triq il-Kanonku M. Bologna, Paola

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €20,250.00 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Notifika: Lumisfar Film Malta Ltd (C96306) ta' A3 Towers, Block A3, Level 3, Triq il-Kanonku M. Bologna, Paola

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 23rd March 2026 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 51/2026, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Lumisfar Film Malta Ltd, the following publication for the purpose of service on the Lumisfar Film Malta Ltd was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 8th January, 2026

To Lumisfar Film Malta Ltd (C96306) of A3 Towers, Block A3, Level 3, Triq il-Kanonku M. Bologna, Paola

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Cap. 406 of the Laws of Malta so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €20,250.00 representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to the Cap. 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Notification: Lumisfar Film Malta Ltd (C96306) of A3 Towers, Block A3 Level 3, Triq il-Kanonku M. Bologna, Paola

Registry of the Superior Courts, today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1054

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Mejju, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4487/2024, fl-ismijiet Anna Portelli vs Raymond Scalpello, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 30 ta' Settembru, 2024

Lil Raymond Scalpello (KI 650156M) ta' Blommetjie, 87, Vjal il-Qalbiena, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Anna Portelli (KI 108858M) ta' 19, Ponsietta, Triq il-Wasliet, Is-Swieqi, tirreferik għat-testment ta' missierkom Giuseppe Scalpello datat 9 ta' Ġunju, 2008, u redatt quddiem in-Nutar Dott. Rachel Busuttil.

Illi inti qed tiġi interpellat sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tersaq għal-likwidazzjoni ta' ħlas ta' dak spettanti lill-mittenti u dan rappreżentanti ħlas tas-sehem rizervat tal-eredità ta' missierkom Giuseppe Scalpello, wara li ġie nieqes nhar it-28 ta' Marzu, 2022. Oltre minn hekk, il-mittenti tinfurmak li stante li qatt ma ngħatat flus mingħand ommkom, l-ebda ammont ma għandu jitnaqqas minn dak li hu dovut lilha.

Inti taf ben tajjeb li minkejja li ilek tiġi interpellat sabiex tagħmel dan inti nonostante bqajt inadempjenti. Għaldaqstant, jekk it-terminu lilek konċess se jgħaddi inutilment se jittieħdu proċeduri legali fil-konfront tiegħek u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 27th May, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 4487/2024, in the names Anna Portelli vs Raymond Scalpello, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th September, 2024

To Raymond Scalpello (ID 650156M) of Blommetjie, 87, Vjal il-Qalbiena, Mosta

By the present Anna Portelli (KI 108858M) of 19, Bridge, Triq il-Wasliet, Swieqi, refers you to the will of your father Giuseppe Scalpello dated 9th June, 2008, and drawn up before Notary Dr Rachel Busuttil.

You are being solicited so that within ten (10) days from the service of this judicial letter you come forward for the liquidation of the payment due to the interpellant and this representing payment of the reserved share of the inheritance of your father Giuseppe Scalpello, after he died on the 28th March, 2022. Furthermore, the interpellant informs you that since money was never given by your mother, no amount should be deducted from what is due to her.

You know well that although you have been solicited to do this you have remained in default. Thus, if the time given to you passes uselessly, legal procedures will be taken against you and this without any other prior notice.

So much so that you may know how to proceed

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1055

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Frar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4844/2025, fl-ismijiet Emfasis Services Limited vs Jesper Dam Wehlast, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jesper Dam Wehlast a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

By means of a decree given on the 27th February, 2026, in the records of the judicial letter number 4844/2025, in the names Emfasis Services Malta Limited vs Jesper Dam Wehlast, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 for the purpose of effecting service on Jesper Dam Wehlast.

In the Rent Regulation Board

Illum 24 ta' Ottubru, 2025

Lil: Jesper Dam Wehlast (passaport numru 214365548) ta' Five Woods, P/Hse 2 (16), Triq San Ġorġ, Il-Gzira

Permezz tal-preżenti, Emfasis Services Malta Limited (C82140) (minn hawn 'il quddiem 'il-mittenti') ta' 14, Baysteps Mansions, Triq Alfred Gauci, San Ġiljan, Malta, li qiegħda tagħmel referenza għall-kuntratt ta' kera, datat is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), qiegħda tinterpellak sabiex fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata minn meta tiġi notifikat b'din l-ittra uffiċjali, tħallas lill-mittenti l-kera dovuta għall-perjodu Settembru sa Ottubru u Ottubru sa Novembru u kif ukoll dawk l-arretrati dovuti għall-elettriku, ilma u utilitajiet oħra.

Illi inti dehert fuq il-kuntratt flimkien ma' Kris Catania, għan-nom ta' RealHouse Management Ltd (C37012), bħala property manager għall-appartament in kwistjoni li jappartjeni lill-mittenti.

Illi kif taf ben sewwa, dan il-kuntratt jobbligak tħallas kera ta' tlett elef ewro (€3,000) fix-xahar, u li, skont l-istess kuntratt, int impenjajt ruħek ukoll sabiex tħallas depożitu addizzjonali ta' mitt ewro (€100) fix-xahar sabiex tkopri l-kontijiet tal-elettriku, ilma u utilitajiet oħra.

Illi minkejja dan kollu, il-kera għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2025 għadhom mhux imħallsa sal-lum. Għaldaqstant, is-somma dovuta minnek tammonta għal sitt elef ewro (€6,000), li jirrappreżentaw żewġ xhur ta' kera. Barra minn hekk, id-depożiti ta' mitt ewro (€100) fix-xahar għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2025, li jammontaw għal mittejn ewro (€200), għadhom ma ġewx imħallsa lanqas.

Illi għalkemm ġejt interpellat diversi drabi sabiex tħallas l-ammont dovut, int xorta waħda għażilt li tibqa' inadempjenti.

B'hekk qiegħda titressaq din l-ittra uffiċjali u din qiegħda tintbagħat skont l-Artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, permezz tal-preżenti, inti qed tiġi msejjaħ formalment, għall-aħħar darba, sabiex tħallas lill-mittenti s-somma ta' sitt elef u mitejn ewro (€6,200) fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mid-data tan-notifika ta' din l-ittra. Jekk madankollu inti tagħżel li tippersisti fl-inadempjenza tiegħek u ż-żmien konċess lilek jgħaddi inutilment, il-mittenti ma jkollha l-ebda alternattiva oħra għajr li tersaq sabiex tittermina l-lokazzjoni b'effett immedjat u tipproċedi ġudizzjarjament fil-konfront tiegħek, liema proċeduri ġudizzjarji jistgħu jinkludu wkoll l-intavolar ta' mandati kawtelatorji neċessarji, u dan sabiex l-istess mittenti tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha.

Today 24th October, 2025

To: Jesper Dam Wehlast (passport number 214365548) of Five Woods, P/Hse 2 (16), Triq San Ġorġ, Gżira

By virtue of the present, Emfasis Services Malta Limited (C82140) (hereinafter 'the Undersigned'), of 14, Baysteps Mansions, Triq Alfred Gauci, St Julian's, Malta, makes reference to the lease agreement, dated the twenty-seventh (27th) day of June of the year two thousand and twenty-five (2025), hereby formally request that you pay to the undersigned the rent due for the period September to October and October to November and those arrears pertaining to electricity, water and other utilities and this within fifteen (15) days of being served by this judicial letter.

That you appeared on the abovementioned contract together with Kris Catania, on behalf of RealHouse Management Ltd (C37012), as a property manager for the apartment in question, which belongs to the undersigned.

That as you are well aware, the rent agreement obliges you to pay rent in the amount of three thousand Euro (€3,000) per month and that in accordance with the same contract, you also undertook to pay an additional deposit of one hundred euro (€100) per month in order to cover the electricity, water and other utility bills.

That notwithstanding the above, the rent for the months of September and October 2025, to date remain unpaid. Accordingly, the outstanding balance due by you amount to six thousand euro (€6,000), representing two full months' rent. In addition, the monthly deposits of one hundred euro (€100) for the months of September and October 2025, amounting to two hundred euro (€200), also remain unpaid.

That despite that you were requested to pay the amount due, you have nonetheless chosen to remain in default.

Therefore, this judicial letter is being filed and this pursuant to Article 1570 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta).

Therefore, by means of the present, you are hereby formally called upon, for the last time, to pay the undersigned the sum of six thousand and two hundred euro (€6,200) within fifteen (15) days from the date of service of this judicial letter. Should you, however, choose to persist in your default and the time granted to you elapse in vain, the undersigned shall have no alternative but to terminate the lease with immediate effect and to proceed judicially against you, which judicial proceedings may also include the filing of such precautionary warrants as may be necessary, in order that the undersigned safeguard its position.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves

With costs

Registry of the Superior Courts, today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1056

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-24 ta' Frar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3796/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Xavier Joseph Debattista, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Xavier Joseph Debattista a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 29 ta' Ottubru, 2025

Lil Xavier Joseph Debattista (KI 270819L) ta' Philip Crt, Flt 6, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €830.70, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000221607 ossija dwar il-fond bl-indirizz Apt 6, Philip Crt, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

By means of a decree of the 24th February, 2026, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3796/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Xavier Joseph Debattista the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Xavier Joseph Debattista in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 29th October, 2025

To Xavier Joseph Debattista (ID 270819L) of Philip Crt, Flt 6, Triq it-Turisti, St Paul's Bay

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €830.70 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 411000221607 regarding the premises with address Philip Crt, Flt 6, Triq it-Turisti, St Paul's Bay.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1057

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-14 ta' Jannar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2881/2024, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Marcus Tonna, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Marcus Tonna (KI 280468M) ta' 31, Flat 5, Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema, fl-24 ta' Ġunju, 2024, Bank of Valletta plc (C2833) ta' 1/5 Misraħ San Ġorg, Il-Belt Valletta VLT 1190, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' €16,330.17 bilanċ għad-debitu fil-Credit Card Loan Account tiegħek mal-Bank of Valletta plc, flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Ġunju, 2024, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 14th January, 2026, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 2881/2024 in the names Bank of Valletta plc vs Marcus Tonna, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Marcus Tonna (ID 280468M) of 31, Flat 5, Triq Sir Adrian Dingli, Tas-Sliema, on the 24th June, 2024, Bank of Valletta plc (C2833) of 1/5, Misraħ San Ġorg, Valletta VLT 1190, solicits you so that within two days you pay the amount of €16,330.17, balance of debt in your Credit Card Loan Account with Bank of Valletta plc together with further interest from the 19th June, 2024, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts, today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1058

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Frar, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 478/2023, fl-ismijiet Registratur Qrati Ċivili u Tribunali vs George Attard, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' George Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum l-1 ta' Frar, 2023

Lil George Attard ta' 105, Brothers, Fl. 1, Triq il-Fuxa, San Ġwann

Permezz tal-preżenti r-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ta' Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex tgħaddi u tħallas fi żmien erbat

By means of a decree of the 20th February, 2026, given by the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 478/2023, in the names Registrar of Civil Courts and Tribunals vs George Attard, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent George Attard in terms of Article 187(3) et sequitur Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 1st February, 2023

To George Attard of 105, Brothers, Fl. 1, Triq il-Fuxa, San Ġwann

By the present the Registrar of Civil Courts and Tribunals of Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta, solicits you so that within four days from the notification of this judicial

(4) ijiem min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali, is-somma ta' €422.67 minnek dovuta bħala drittijiet tar-Reġistru in konnessjoni mal-kawża fl-ismijiet:

Mangion Pauline vs Valentino Patrick Dott. et (Lm1)
Deciza fit-2 ta' Novembru, 2022

Tista' wkoll tħallas online billi tidħol fis-sit (ecourts.gov.mt) u tagħżel il-ħolqa 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). Fin-nuqqas il-mittent jirriżerva li jipproċedi kontrik ulterjorment skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

letter you pay the sum of €422.67 due by you as Registry fees in connection with the law suit in the names:

Mangion Pauline vs Valentino Patrick Dr et (Lm1)
Decided on the 2nd November, 2022

You can also pay online by accessing the website (ecourts.gov.mt) and choose the link 'Ħallas id-Dritt tar-Reġistru tal-Qorti' (Pay Court Registry Fees). In default the applicant reserves the right to proceed further against you according to law.

So much for your own guidance

With costs

Registry of the Superior Courts, today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1059

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Frar, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4074/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Emanuel Zammit, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emanuel Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 26 ta' Novembru, 2025

Lil Emanuel Zammit (KI 1687M) ta' 6, Zerqa T, Triq l-Inġiniera, Iż-Żurrieq

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,048.46, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000141709 ossia dwar il-fond bl-indirizz 6, Triq l-Inġiniera, Iż-Żurrieq

By means of a decree of the 19th February, 2026, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 4074/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Emanuel Zammit the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Emanuel Zammit in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th November, 2025

To Emanuel Zammit (ID 1687M) of 6, Zerqa T, Triq l-Inġiniera, Żurrieq

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,048.46 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding regarding the utility bills with number 411000141709 regarding the premises with address 6, Triq l-Inġiniera, Żurrieq.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1060

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Frar, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1032/2025, fl-ismijiet l-Awtorità tad-Djar vs Darren Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 6 ta' Marzu, 2025

Lil Darren Borg (KI 488482M) ta' 22, Flat 3, Triq San Ġużepp, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, tirreferi għall-fond 22, Flat 3, Triq San Ġużepp, Il-Belt Valletta. Tali fond huwa proprjetà amministrata mill-mittenti u int qed tokkupa il-fond mingħajr titolu validu fil-liġi.

Għaldaqstant, l-Awtorità tad-Djar qiegħda b'din l-ittra tinterpellak sabiex ai termini tal-artikoli 9(1) u l-artikoli sussegwenti tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, int tiżgombra mill-fond imsemmi fi żmien tletin (30) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali u dan għaliex:

Qed tokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Mingħajr ebda preġudizzju għas-su espost mhux tagħmel użu mill-fond inkwistjoni.

Din l-ittra ufficjali qed tintbagħat ai termini tal-artikolu 9 u artikoli sussegwenti tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree of the 24th February, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 1032/2025, in the names Housing Authority vs Darren Borg, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 6th March, 2025

To Darren Borg (ID 488482M) of 22, Flat 3, Triq San Ġużepp, Valletta

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers you to the premises 22, Flat 3, Triq San Ġużepp, Valletta. Such premises is administered by the interpellant and you are occupying the premises without any valid title at law.

Thus, the Housing Authority is hereby soliciting you so that in terms of Articles 9 (1) and subsequent articles of the Government Lands Act, Cap. 573 of the Laws of Malta, you vacate the premises mentioned within thirty (30) days from the service of this judicial letter and this because:

You are occupying the premises without any valid title in law.

And without prejudice for the above, you are not making use of the premises in question.

This judicial letter is being sent in terms of Article 9 and subsequent articles of the Government Lands Act, Cap. 573 of the Laws of Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Bl-ispejjeż u bl-interessi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1061

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Marzu, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1384/2025, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Abdulahi Hussein Mohamed, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Abdulahi Hussein Mohamed a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Abdulahi Hussein Mohamed (KI 0046179A) ta' Kingsland, Fl 8 B, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar, fit-22 ta' April, 2025, United Acceptances Finance Limited (C360) ta' Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, tirreferi għal disa' (9) kambjali minnek debitament iffirmati u accettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma ħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati dokumenti 1 sa 9.

Is-soċjetà mittenti qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €2,655 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmak illi se tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri

Int avżat li għandek id-dritt li topponi għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Notifika: Abdulahi Hussein Mohamed (KI 0046179A) ta' Kingsland, Fl. 8 B, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar

By means of a decree of the 24th March, 2026, in the records of the judicial letter number 1384/2025, in the names United Acceptances Finance Limited vs Abdulahi Hussein Mohamed, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Abdulahi Hussein Mohamed in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Abdulahi Hussein Mohamed (ID 0046179A) of Kingsland, Fl 8 B, Triq Barnaba, St Paul's Bay, on the 22nd April, 2025, United Acceptances Finance Limited (C360) of Mizzi Organisation Corporate Office, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, refers to nine (9) bills of exchange, duly signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked Documents 1 to 9.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €2,655 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment, the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Notification: Abdulahi Hussein Mohamed (ID 0046179A) of Kingsland, Fl. 8 B, Triq Barnaba, St Paul's Bay

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th March, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1062

B'digriet tas-16 ta' Marzu, 2026, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta'Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Melita Power Diesel Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni (C23376) fit-12 ta' Marzu, 2026, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €85,000.00 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 3/26 fl-ismijiet Melita Power Diesel Limited (C23376) vs il-Bastiment Epicurean bin-numru uffiċjali 13272 miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2026.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ġimgħa, 17 ta' April, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 16th March, 2026, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Melita Power Diesel Limited with the registration number (C23376) on the 12th March, 2026, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €85,000.00 following judicial sale by auction 3/26 in the names Melita Power Diesel Limited (C23376) vs the vessel Epicurean officially numbered 13272 held under the Authority of the said Court on the 9th March, 2026.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Friday, 17th April 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1063

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2025 fuq talba ta' Rita Camilleri ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi u jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Caterina Caruana, fl-atti taċ-ċedola numru 976/2025 fl-ismijiet Rita Camilleri vs kuraturi deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 8th May, 2025 following a request of Rita Camilleri it was ordered that deputy curators be appointed to represent the interests and represent the unknown successors in title of Caterina Caruana, in the acts of the schedule of deposit number 976/2025 in the names Rita Camilleri vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' ċens numru 976/2025 fl-ismijiet Rita Camilleri, pensjonanta, mart Carmelo Camilleri, bint Giovanni Mallia u Katarina Mallia née Sammut, imwielda iż-Żurrieq fl-erbatax ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u tletin (14/01/1936) u residenti flat 4, 24, Saint Rita, Triq San Pietru, iż-Żurrieq (karta tal-identità numru 74336 (M)) vs Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw is-suċċessuri fit-titolu mhux maghrufa ta' Caterina Caruana, xebba, bint Meliton u Micheline née Magri, imwielda u ġia residenti iż-Żurrieq, ippreżentat fis-6 ta' Mejju, 2025 fejn Rita Camilleri tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti tippossiedi l-appartament numru erbgha (4), fis-second floor level, u ċioè fir-raba' (4) livell tal-binja u formanti parti mill-Blokk b'entratura komuni minflok id-dar bin-numru erbgha u ghoxrin (24) bl-isem Santa Rita fi Triq San Pietru, iż-Żurrieq, kif soġġetta l-imsemmija dar għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' disa' ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€9.56) (ekwivalenti għal erba' (4) liri u żewġ (2) xelini), altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, immarkata fuq is-site plan li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "A", u dan kif aħjar deskritt fl-att ta' causa mortis ippubblikat min-Nutar Dottor Reuben Collins tas-sitta ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (6/3/2023), Dok "B". ; dan l-appartament huwa residenzjali;

Illi l-porzjon ta' art li fuqha jinsab mibni l-imsemmi blokk giet konċessa minn Caterina Caruana lil Giovanni Mallia (ossia r-raġel Rita Camilleri) b'att ta' enfitewsi tan-Nutar Dottor Joseph Vella Galea tas-sittax ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u sittin (16/12/1961), Dok "C".

Illi l-esponenta tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakoltà mogġtija lilha bl-artikolu 1501 tal-Kodici Ċivili u tifdu dan l-istess ċens u illi ghalhekk jammonta għal mija u wieħed u disgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€191.20).

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tadixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taht l-awtorità tagħha tgħaddi sabiex tiddepożita l-ammont komplessiv ta' mitejn u tmienja u erbgħin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€248.56) rappreżentanti mija u wieħed u disgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€191.20) prezz tal-fidi ta' dana ċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija, disa' ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€9.56) hlas ta' sena lawdemju u sebgħa u sebgħin ewro u tmenin ċenteżmu (€47.80) arretrati ta' ħames (5) snin, biex jiġi mogħti liberament lis-sidien, wara li titħalla d-debita rivevuta.

Rikorrenti: Flat 4, 24, Saint Rita, Triq San Pietru, iż-Żurrieq.

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku, 197, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 976/2025 in the names Rita Camilleri, pensioner, wife of Carmelo Camilleri, daughter of Giovanni Mallia and Katarina Mallia née Sammut, born in Żurrieq on the 14th January, 1936 and residing at Flat 4, 24, Saint Rita, Triq San Pietru, Żurrieq (ID 74336M) vs Deputy Curators to represent the unknown successors in title of Catarina Caruana, unmarried, daughter of Meliton and Micheline née Magri, born and previously resided in Żurrieq, filed on the 19th December 2024, whereby Rita Camilleri respectfully submitted:

That the applicant owns the apartment number four (4), at the second floor level, and namely at the fourth (4) level of the building and forming part of the Block with a common entrance instead of the house with number twenty four (24) with the name Santa Rita in Triq San Pietru, Żurrieq, as subject the said house to the annual and perpetual groundrent of nine euro and fifty six cents (€9.56). (equivalent to four (4) liri and two (2) shillings), otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, marked on the site plan which is here attached and marked as Doc "A", and this as better described in the deed of causa mortis published by Notary Doctor Reuben Collins of the sixth March of the year two thousand and twenty three (6/3/2023), Doc "B".; this apartment is residential;

That the portion of land on which the said block is built was granted by Caterina Caruana to Giovanni Mallia (or rather Rita Camilleri husband) by a deed of emphyteusis of Notary Dr Joseph Vella Galea of the sixteenth December of the year one thousand nine hundred and sixty one (16/12/1961), Doc "C".

That the interpellant wishes to avail herself of the faculty given to her by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent and thus amounts to one hundred and ninety one euro and twenty euro cents (€191.20).

Thus the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is passing on to deposit the total amount of two hundred and fourty eight euro and fifty six cents (€248.56) representing one hundred and ninety one euro and twenty euro cents (€191.20) price of redemption of this annual and perpetual groundrent burdening the abovementioned immovable, nine euro and fifty six cents (€9.56). one year laudemium and forty seven euro and eighty cents (€47.80) arrears of five (5) years, to be freely given to the owners, after the due receipt.

Applicant: Flat 4, 24, Saint Rita, Triq San Pietru, Żurrieq

Notification: Director Public Registry, 197, Triq il-Merkanti, Valletta

Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Mark Simiana LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 8 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of Office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Mr Justice Mark Simiana LLD., doctor of Laws.

Today, 8th May, 2025

Registry of the Superior Courts, today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1064

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2025 fuq talba ta' I.T. Properties Limited et ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuni mhux magħrufa, fl-atti taċ-ċedola numru 2530/2025 fl-ismijiet I.T. Properties Limited et vs kuraturi deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2530/2025 fl-ismijiet I.T. Properties Limited (C24644) kumpanija reġistrata Malta bl-indirizz Villa L'Orangerie, Triq l-Uqija, Tal-Ibraġġ, is-Swieqi, kif debitament rappreżentata mill-istralċjarju tagħha l-Avukat Dott. Peter Fenech, miżżewweġ, bin Frank Fenech u Grace Fenech née Attard Bondi, imwieled Tas-Sliema fis-26 ta' Awwissu, 1967 u residenti ta' 36, Iuris Advocates, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta (KI 0067468M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil persuni mhux magħrufa intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens, ippreżentat fis-26 ta' Novembru, 2025 fejn I.T. Properties Limited (C24644) kif debitament rappreżentata mill-istralċjarju tagħha l-Avukat Dott. Peter Fenech (KI 0067468M) tesponi bir-rispett:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 28th November, 2025 following a request of I.T. Properties Limited et it was ordered that deputy curators be appointed to represent unknown persons, in the acts of the schedule of deposit number 2530/2025 in the names I.T. Properties Limited et vs deputy curators in the relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 2530/2025 in the names I.T. Properties Limited (C24644) a company registered in Malta with address Villa L'Orangerie, Triq l-Uqija, Tal-Ibraġġ, Swieqi, as duly represented by its liquidator Advocate Dr. Peter Fenech, married, son of Frank Fenech and Grace Fenech née Attard Bondi, born in Tas-Sliema on the 26th August, 1967 and residing at 36, Iuris Advocates, Triq l-Arċisqof, Valletta (ID 0067468M) vs Deputy Curators to represent the unknown persons entitled to receive the groundrent, filed on the 26th November, 2025, whereby I.T. Properties Limited (C24644) as duly represented by its liquidator Advocate Dr Peter Fenech (ID 0067468M) respectfully submitted:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro tad-29 ta' Jannar, 2009, is-soċjetà esponenti akkwistat il-fond bl-isem Giswell, drabi oħra magħrufa bl-isem Jewel fi Triq Testaferrata, l-Imsida/il-Gżira, Malta, konfinanti Tramuntana mat-triq, Lvant ma' proprjetà tal-istess kumpanija I.T. Properties Limited u Punent u Nofsinhar ma' proprjetà ta' terzi injoti, kopja tal-kuntratt ta' akkwist u ta' pjanta tal-fond anness u mmarkat Dok A u Dok B rispettivament.

Illi dan il-fond huwa soġġett għal ċens, xi drabi riferut bħala subċens, annwu u perpetwu ta' €8.26;

Illi l-persuni li lilhom huwa dovut dan ic-ċens mhumiex magħrufa lill-esponenti;

Illi l-esponenti tixtieq tippreżenta ħlas ta' ħames arretrati ta' tali ċens, liema arretrati jammontaw għal €41.30;

Illi l-esponenti tixtieq ukoll tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili billi tifdi dan iċ-ċens ta' €8.26 liema ammont kapitalizzat bil-5% jammonta għal €165.20;

Illi għalhekk l-esponenti sejra tiddepożita l-ammont totali ta' €206.50;

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-Awtorità tagħha, qiegħda tiddepożita s-somma ta' €206.50 rappreżentanti arretrati ta' ċens u l-prezz tal-fidi taċ-ċens fuq riferit, liema somma tista' tiġi liberament żbankata minn min tispetta wara illi titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: kuraturi deputati

Direttur Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Ian Spiteri Bailey LLD, Duttur tal-Liġi.

That by means of a contract in the records of Notary Peter Carbonaro of the 29th January, 2009, the applicant company acquired the premises with the name Giswell, other times known with the name Jewel in Triq Testaferrata, Msida/Gżira, Malta, bounded on the North with the street, East with property of the same company I.T. Properties Limited and West and South with property of unknown third parties, copy of contract of acquisition and plan of premises attached and marked Doc A and Doc B respectively.

That this premises is subject to an annual and perpetual groundrent, sometimes referred to as subgroundrent of €8.26;

That the persons to whom this groundrent is due are not known to the applicant;

That the applicant wishes to present the payment of five arrears of such groundrent, which arrears amount to €41.30;

That the applicant wishes to avail itself of the faculty given to it by Article 1501 of the Civil Code by redeeming this groundrent of €8.26 which amount capitalised at 5% amounts to €165.20;

That thus the applicant is depositing the total amount of €206.50;

Thus, the interpellant is calling upon this Honourable Court and under its authority, is depositing the sum of €206.50 representing arrears of groundrent and the price of redemption of groundrent above referred to, which sum can be freely withdrawn by the interpellant after the due receipt according to law is left.

Notification: Director Public Registry, Valletta

Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of Office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey LLD, doctor of Laws.

Illum, 28 ta' Novembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Today, 28th November, 2025

Registry of the Superior Courts, today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1065

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Diċembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) fil-konfront ta' Maria Pawlina sive Marlene Azzopardi.

Mapfre Middlesea plc (C5553) ta' Middle-Sea House, il-Furjana kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Stephanie Vassallo (KI 439088M) u l-istess Stephanie Vassallo ta' Salina Mansions, Block B, Flat 1, Triq il-Katakombi, Salina, in-Naxxar, ippreżentaw Talba, fit-2 ta' Diċembru, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Maria-Pawlina sive Marlene Azzopardi (KI 329060M) ta' 31, Anthony Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,528.95 liema ammont huwa dovut lis-soċjeta attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż Nru 342/2025CC) hija differita għas-27 ta' April, 2026 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 17th December, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Maria-Pawlina sive Marlene Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Mapfre Middlesea plc (C5553) of Middle Sea House, Floriana as subrogated in the rights of its insured Stephanie Vassallo (ID 439088M) and the same Stephanie Vassallo of Salina Mansions, Block B, Flat 1, Triq il-Katakombi, Salina, Naxxar filed a Claim on the 2nd December, 2025 whereby they asked the Tribunal to condemn Maria-Pawlina sive Marlene Azzopardi (ID 329060M) of 31, Anthony Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €3, 528.95 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 342/2025CC) is put off on the 27th April, 2026 at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 17th April, 2026.

Alexandra Debattista
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1066

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Diċembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

ROCS Co Limited (C-15385) ta' 21, Triq il-Kbira, il-Mellieħa, ippreżentaw Talba, fit-3 ta' Diċembru, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Marica Bugeja (KI 341903L) ta' 12C, Hompesch Court, Triq Sant'Antnin, il-Fgura, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €505.06 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 346/2025IS) hija differita għas-27 ta' April, 2026 fis-1.00 p.m.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 16th December, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

ROCS Co Limited (C-15385) of 21, Triq il-Kbira, Mellieħa Attard, filed a Claim on the 3rd December, 2025 whereby they asked the Tribunal to condemn Marica Bugeja (ID 341903L) of 12C, Hompesch Court, Triq Sant'Antnin, Fgura, to pay the plaintiff company the sum of €505.06 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 346/2025IS) is put off on the 27th April, 2026 at 1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1067

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-5 ta' Novembru, 2025 fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Stefan Krneta f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà Olligo Ltd fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4991/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru, 2025 tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Stefan Krneta (Passaport Numru BIHA1913476) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà Olligo Ltd (C 71315) fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €49,218.30 rappreżentanti ammont dovut minnkom pro et noe, bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li ser jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana – Block 5, Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 5th November, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent Stefan Krneta in his own name and also as director for and on behalf of the company Olligo Ltd in the acts of the judicial letter number 4991/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts:

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 4th November, 2025 by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana against deputy curators nominated to represent Stefan Krneta (Passport Number BIHA1913476) in his own name and also as director for and on behalf of the company Olligo Ltd (C71315), the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Chapter 406 of the Laws of Malta, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €49,218.30 representing the amount due by you pro et noe as Value Added Tax.

With costs and interest according to that Chapter 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs – Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Intimati - kuraturi deputati.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Registru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Doreen Clarke LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 5 ta' Novembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification – deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke LLD, Doctor of Laws.

Today, 5th November, 2025

Registry of the Superior Courts, today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1068

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Diċembru, 2025 fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Mateusz Antoniewicz fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5081/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ittra uffiċjali pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Novembru, 2025 tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Mateuse Antoniewicz (Passaport Numru AST027200) fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €2, 875,667.200 rappreżentanti ammont dovut minnek, bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-effettiv pagament.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 2nd December, 2025, following a request by Commissioner for Tax and Customs it was ordered that deputy curators be chosen to represent Mateusz Antoniewicz in the acts of the judicial letter number 5081/2025 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 12th November, 2025 by The Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana against deputy curators nominated to represent Mateusz Antoniewicz (Passport Number AST027200), the Commissioner for Tax and Customs calls upon you in terms of Article 59 of Chapter 406 of the Laws of Malta, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €2,875,667.20 representing the amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to that Chapter 406 of the Laws of Malta till the date of effective payment.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li ser jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana – Block 5, Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana

Intimati - kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor Imħallef Miriam Hayman LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 2 ta' Diċembru, 2025
Registru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs – Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification – deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman LLD, Doctor of Laws.

Today, 2nd December, 2025

Registry of the Superior Courts, today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1069

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2026 fuq talba ta' Herbert Spiteri noe ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Irwin Louis Gullian fl-atti tas-subbasta numru 3/2025 fl-ismijiet Herbert Spiteri noe vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 27th February, 2026, following a request by Herbert Spiteri noe it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Irwin Louis Gullian in the judicial sale by auction number 3/2025 in the names Herbert Spiteri noe vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

Permezz ta' rikors wara l-mandat ta' qbid nru 2102/2024 preżentat fil-15 ta' Lulju, 2025 fl-ismijiet Herbert Spiteri (KI 46795M) eżerċenti fi-kummerċ taħt in-nom HMS Group Herbert Manfred Spiteri vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Irwin Louis Guillian u kif ukoll il-kumpanija estera Gil Innovative Consulting Services Group LLC (Kumpanija ta' Texas Nru 0801638460) u b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 2023, kif emendat, ġiet maħtura Dott. Maria Karlsson bħala kuratur deputat tal-intimati assenti, fejn Herbert Spiteri (KI 46795M) eżerċenti fil-kummerċ taħt in-nom HMS Group Herbert Manfred Spiteri espona bir-rispett:

1. Illi permezz tal-mandat anness ir-rikorrenti qiegħed jeżegwixxi l-kreditu li għandu kontra l-intimati;

2. Il-kreditu tal-esponenti ġie kanonizzat u sussewentement reż eżekuttiv in forza tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat t-22 ta' April, 2024 (Rikors Numru 160/2023VGA) fl-istess ismijiet liema sentenza llum tinsab in ġudikat (kopja ta' liema sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok A);

3. Illi tali sentenza laqgħet it-talbiet rikorrenti meta ddeċiediet li:

1. Tiddikjara illi l-intimati huma debituri in solidum tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' €7,057.74 għal maggażinaġġ ta' affarijiet proprjetà tal-intimati f'Malta sat-23 ta' Novembru, 2021;

2. Tikkundanna lill-intimati in solidum jħallsu din is-somma lir-rikorrent flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena dekoribbli mid-data tal-fatturi relattivi sal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lill-intimati in solidum jħallsu wkoll l-ispejjeż ta' din il-kawża.

4. Illi l-intimati ma ħallsu l-ebda ammont u għalhekk apparti s-sorte fuq premessa li hemm dovuti bl-imgħax fl-ammont ta' €1670.53 kalkolat mid-data rispettiva tal-fattura sal-20 ta' Settembru, 2024, ai termini tal-prospett hawn anness u mmarkat bħala Dok B, u dan oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u b'riserva għall-ispejjeż skont il-liġi.

